# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 30 ta' Mejju 2001**

**Avviz. numru 249/01**

**Numru 11**

**Olga Mercieca**

**vs**

**Anthony Borg Caruana, Alex Borg Caruana, Joe Borg Caruana, Lolly Borg Caruana, Winnie Calleja, Doreen Grech, Mary Gera u Franca Cassar ilkoll ahwa Borg Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li biha l-attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat lill-konvenuti minn dina l-Qorti jikkonsenjaw lill-attrici lura il-fond "Mayfair" 189 Triq Villambrosa, Hamrun vojt u bic-cwievet peress illi l-konvenuti baqghu jiddettjenuh wara l-mewt tal-inkwilina taghha Carmen Borg Pisani fil-5 ta' Jannar 2001 u dana illegalment u abbuzivament u minghajr titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-21 ta' Frar u tat-12 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

B'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attrici kontra l-konvenuti skond il-ligi u b'mod specifiku l-azzjoni ghad-danni diga sofferti u li ghad trid issofri l-attrici minhabba l-agir illegali tal-konvenuti.

Ghall-finijiet tal-kompetenza jigi dikjarat illi l-fond in kwistjoni kien mikri b'erbgha u erbghin Lira Maltija fis-sena (Lm44).

Rat in-nota tal-partijiet, presentata llum stess "seduta stante" u li biha il-konvenuti ammettew it-talba in esami waqt li l-attrici tat zmien sat-30 ta' Settembru 2001 ghall-finijiet ta' zgumbrament.

Rat il-verbal tas-seduta tallum stess minn fejn jidher li l-partijiet qablu ukoll li l-ispejjes kollha jibqghu bla taxxa.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' it-talba attrici kif dedotta mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenuti sabiex sat-30 ta' Settembru 2001 jizgombraw mill-fond "Mayfair" f'189, Triq Villambrosa, Hamrun billi sat-30 ta' Settembru, 2001 jikkonsenjaw l-istess fond vojt u bic-cwievet, lill-attrici. In rigward l-ispejjes kollha, dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Joseph Guillaumier
Dep.Reg